

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1256/2012

tat-13 ta' Diċembru 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008<sup>(2)</sup> ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fis-16 ta' Diċembru 2011, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika l-emendi għall-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 Strumenti Finanzjarji: Żvelar – Tpaċija ta' Assi Finanzjarji u Obbligazzjonijiet Finanzjarji u għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni - Tpaċija ta' Assi Finanzjarji u Obbligazzjonijiet Finanzjarji. L-emenda għall-IFRS 7 għandha l-għan li tirrikjedi d-dispożizzjoni ta' informazzjoni kwantitattiva addizzjonali sabiex tippermetti lill-utenti biex iqabblu aħjar u jirrikonċiljaw l-iżvelar skont l-IFRS u l-Prinċipji ta' Kontabilità Ġeneralment Aċċettati (GAAP) tal-Istati Uniti. Barra minn hekk, l-IASB emenda l-IAS 32 biex jipprovdni gwida addizzjonali u b'hekk jiġi grantit li dan fil-prattika jkun applikat b'mod aktar konsistenti.

(3) L-emendi għall-IFRS 7 Strumenti Finanzjarji: Żvelar – Trasferimenti tal-Assi Finanzjarji ġew adottati mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2011 tat-22 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7<sup>(3)</sup>

wara li ġie approvat mill-Kumitat Regulatorju tal-Kontabilità f'Ġunju tal-2011. Madanakollu, it-tħassir tal-paragrafu 13 tal-IFRS 7 tħalla barra b'mod involontarju. Dan ir-Regolament għandu jirrimedja għal din l-ommissjoni. Sabiex din id-dispożizzjoni tkun effiċjenti, għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2011. Id-dispożizzjoni tar-retroattività hija meħtieġa sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-emittenti kkonċernati.

(4) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Tekniku ta' Esperti (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li l-emendi għall-IFRS 7 u l-IAS 32 jissodisfaw il-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Standard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar* huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(2) Standard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni* huwa emendat skont l-emendi għall-IFRS 7 kif stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(3) IAS 32 *Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni* huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(4) L-intestatura qabel il-paragrafu 13 flimkien mal-paragrafu 13 tal-IFRS 7 huma mħassra skont l-emendi għall-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar-Trasferimenti tal-Assi Finanzjarji* kif adottati mir-Regolament (UE) Nru 1205/2011.

<sup>(1)</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 305, 23.11.2011, p. 16.

*Artikolu 2*

1. Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemija fil-punti (1), u (2) tal-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara.

2. Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemija fil-punt (3) tal-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2014 jew wara.

3. Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemija fil-punt (4) tal-Artikolu 1, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Lulju 2011.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

## ANNEX

## STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ

IFRS 7	Emendi għall-IFRS 7 <i>Strumenti Finanzjarji: Żvelar - Tpaċija ta' Assi Finanzjarji u Obbligazzjonijiet Finanzjarji.</i>
IAS 32	Emendi għall-IAS 32 <i>Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni - Tpaċija ta' Assi Finanzjarji u Obbligazzjonijiet Finanzjarji.</i>

**Emendi għal I-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar***

Wara l-paragrafu 13, jiddaħħlu intestatura u l-paragrafi 13A-13F.

**Tpaċċja ta' assi finanzjarji u obligazzjonijiet finanzjarji**

- 13A Id-divulgazzjonijiet fil-paragrafi 13B-13E jissupplimentaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' divulgazzjoni f'dan l-IFRS u huma meħtieġa għall-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti kollha li jkunu tpaċew skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32. Id-divulgazzjonijiet japplikaw ukoll għall-istrumenti finanzjarji li huma soġġetti għal arranġament ta' kumpens prinċipali infurzabbli jew ftehim simili, irrISPettivament minn jekk dawn jitpaċewx skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32.
- 13B Entità għandha tiddivulga l-informazzjoni biex tippermetti lill-utenti tar-rapporti finanzjarji tagħha jevalwaw l-effetti jew l-effetti potenzjali tal-arranġamenti ta' kumpens fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-entità. Dan jinkludi l-effett jew l-effett potenzjali tal-jeddijiet ta' tpaċċja assoċjati mal-assi finanzjarji rikonoxxuti u l-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti tal-entità li jkunu fl-ambitu tal-paragrafu 13A.
- 13C Biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-paragrafu 13B, entità għandha tiddivulga, fi tmiem il-perjodu tar-rapportar, l-informazzjoni kwantitattiva li ġejja separatament għall-assi finanzjarji rikonoxxuti u l-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti li jkunu fl-ambitu tal-paragrafu 13A.
- (a) l-ammonti grossi ta' dawk l-assi finanzjarji rikonoxxuti u l-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti;
  - (b) l-ammonti li jkunu tpaċew skont il-kriterji fil-paragrafu 42 tal-IAS 32 meta jiġu ddeterminati l-ammonti netti ppreżentati fir-rapport dwar il-pożizzjoni finanzjarja;
  - (c) l-ammonti netti ppreżentati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja;
  - (d) l-ammonti soġġetti għal arranġamenti ta' kumpens prinċipali infurzabbli jew ftehim simili li ma humiex altrimenti inklużi fil-paragrafu 13C(b), inkluż:
    - (i) ammonti relatati mal-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti li ma jissodisfawx il-kriterji ta' tpaċċja kollha jew uħud minnhom fil-paragrafu 42 tal-IAS 32; u
    - (ii) ammonti relatati ma' kollateral finanzjarju (inkluż kollateral fi flus); u
  - (e) l-ammont nett wara t-tnaqqis tal-ammonti f'(d) mill-ammonti f'(c) hawn fuq.
- L-informazzjoni meħtieġa minn dan il-paragrafu għandha tiġi ppreżentata f'format tabulari, għall-assi finanzjarji u għall-obbligazzjonijiet finanzjarji separatament, sakemm ma jkunx aktar xieraq xi format ieħor.
- 13D L-ammont totali divulgat skont il-paragrafu 13C(d) għal strument għandu jkun limitat għall-ammont fil-paragrafu 13C(c) għal dak l-istrument.
- 13E Entità għandha tinkludi deskrizzjoni fid-divulgazzjonijiet tal-jeddijiet ta' tpaċċja assoċjati mal-assi finanzjarji rikonoxxuti u l-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti tal-entità soġġetti għal arranġamenti ta' kumpens prinċipali rinforzabbli u ftehimiet simili li jkunu ddivulgati skont il-paragrafu 13C(d), inkluż in-natura ta' dawk il-jeddijiet.
- 13F Jekk l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafi 13B-13E tkun iddivulgata faktar minn nota waħda għar-rapporti finanzjarji, entità għandha tagħmel kontroreferenza bejn dawk in-noti.

**DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI**

Jiddaħhla il-paragrafu 44R.

- 44R *Divulgazzjonijiet-Tpaċċja ta' Assi Finanzjarji u Obligazzjonijiet Finanzjarji* (Emendi għall-IFRS 7), maħruġ f'Diċembru 2011, żied il-paragrafi IN9, 13A-13F u B40-B53. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Jannar 2013 jew wara u perjodi interim f'dawk il-perjodi annwali. Entità għandha tipprovdi d-divulgazzjonijiet meħtieġa minn dawk l-emendi retrospettivament.

Wara l-paragrafu B39, jiddaħħlu l-intestaturi u l-paragrafi B40-B53.

**Tpaċija ta' assi finanzjarji u obligazzjonijiet finanzjarji****(il-paragrafi 13A-13F)***Ambitu (il-paragrafu 13A)*

B40 Id-divulgazzjonijiet fil-paragrafi 13B-13E huma meħtieġa għall-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti kollha li jkunu tpaċew skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32. Barra minn hekk, l-istrumenti finanzjarji jkunu fl-ambitu tar-reqwiziti tad-divulgazzjoni fil-paragrafi 13B-13E jekk dawn ikunu soġġetti għal arranġament ta' kumpens prinċipali infurzabbli jew ftehim simili li jkopri strumenti finanzjarji u tranżazzjonijiet simili, irrispettivament minn jekk l-istrumenti finanzjarji jtpaċewx skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32.

B41 Il-ftehimiet simili msemmija fil-paragrafi 13A u B40 jinkludu ftehimiet tal-ikklerjar tad-derivattivi, ftehimiet prinċipali globali ta' riakkwist, ftehimiet prinċipali globali ta' għoti b'self ta' titoli, u kwlaunkwe jeddijiet relatati mal-kollateral finanzjarju. L-istrumenti finanzjarji u t-tranżazzjonijiet simili msemmija fil-paragrafu B40 jinkludu ftehimiet tad-derivattivi, ftehimiet tal-bejgħ u r-riakkwist (repo), ftehimiet ta' bejgħ u riakkwist inversi (repo invers), ftehimiet ta' teħid b'self u għoti b'self ta' titoli. Eżempji ta' strumenti finanzjarji li mhumiex fl-ambitu tal-paragrafu 13A huma s-selfiet u d-depożiti tal-klijenti fl-istess istituzzjoni (sakemm daww ma jkunux tpaċew fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja), u l-istrumenti finanzjarji li jkunu soġġetti biss għal ftehim ta' kollateral.

*Divulgazzjoni ta' informazzjoni kwantitattiva għall-assi finanzjarji rikonoxxuti u obligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti fl-ambitu tal-paragrafu 13A (il-paragrafu 13C).*

B42 L-istrumenti finanzjarji ddivulgati skont il-paragrafu 13C jistgħu jiġu soġġetti għal rekwiżiti differenti ta' kejl (pereżempju, pagabbli reletat ma' ftehim ta' riakkwist jista' jitkejjel skont il-kost ammortizzat, filwaqt li derivattiv jitkejjel skont il-valur ġust). Entità għandha tinkludi l-istrumenti skont l-ammonti rikonoxxuti tagħhom u tiddekrivi kwalunkwe differenzi fil-kejl li jirriżultaw b'rabta mad-divulgazzjonijiet.

*Divulgazzjoni tal-ammonti gross tal-assi finanzjarji rikonoxxuti u obligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti fl-ambitu tal-paragrafu 13A (il-paragrafu 13C(a)).*

B43 L-ammonti meħtieġa skont il-paragrafu 13C(a) huma dwar l-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti li jkunu tpaċew skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32. L-ammonti rikjesti skont il-paragrafu 13C(a) huma wkoll dwar l-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti li huma soġġetti għal arranġament ta' kumpens prinċipali infurzabbli jew ftehim simili, irrispettivament minn jekk dawn jissodisfawx il-kriterji tat-tpaċija. Madankollu, id-divulgazzjonijiet rikjesti mill-paragrafu 13C(a) ma jikkonċernawx xi ammont rikonoxxut b'riżultat ta' ftehimiet ta' kollateral li ma jkunx jissodisfa l-kriterji ta' tpaċija skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32. Minflok, tali ammonti jeħtieġ jiġu ddivulgati skont il-paragrafu 13C(d).

*Id-divulgazzjoni tal-ammonti li jkunu tpaċew skont il-kriterji fil-paragrafu 42 tal-IAS 32 (il-paragrafu 13C(b))*

B44 Il-paragrafu 13C(b) jeħtieġ li l-entitajiet jiddivulgaw l-ammonti li jkunu tpaċew skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32 meta jiġu ddeterminati l-ammonti netti ppreżentati fir-rapport dwar il-pożizzjoni finanzjarja. Kemm l-ammonti tal-assi finanzjarji rikonoxxuti kif ukoll daww tal-obbligazzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti, li jkunu soġġetti għal tpaċija skont l-istess arranġament, jiġu ddivulgati fid-divulgazzjonijiet tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji. Madankollu, l-ammonti ddivulgati (pereżempju, f'tabella) ikunu limitati għall-ammonti li jkunu soġġetti għal tpaċija, Pereżempju, entità jista' jkollha assi derivattiv rikonoxxut u obligazzjoni derivattiva rikonoxxuta li jissodisfaw il-kriterji ta' tpaċija fil-paragrafu 42 tal-IAS 32. Jekk l-ammont gross tal-assi derivat ikun akbar mill-ammont gross tal-obbligazzjoni derivattiva, it-tabella tad-divulgazzjoni tal-assi finanzjarji tinkludi l-ammont sħiħ tal-assi derivattiv (skont il-paragrafu 13C(a)) u l-ammont sħiħ tal-obbligazzjoni derivattiva (skont il-paragrafu 13C(b)). Madankollu, filwaqt li tinkludi l-ammont sħiħ tal-obbligazzjoni derivattiva (skont il-paragrafu 13C(a)), it-tabella tad-divulgazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji tinkludi biss l-ammont tal-assi derivattiv (skont il-paragrafu 13C(b)) li jkun daww l-ammont tal-obbligazzjoni derivattiva.

*Divulgazzjoni tal-ammonti netti ppreżentati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja (il-paragrafu 13C(c))*

B45 Jekk entità jkollha strumenti li jaqgħu fl-ambitu tad-divulgazzjoni (kif speċifikat fil-paragrafu 13A), imma li ma jissodisfawx il-kriterji ta' tpaċija fil-paragrafu 42 tal-IAS 32, l-ammonti rikjesti li jiġu ddivulgati mill-paragrafu 13C(c) ikunu daww l-ammonti rikjesti li jiġu ddivulgati mill-paragrafu 13C(a).

B46 L-ammonti rikjesti li jiġu ddivulgati skont il-paragrafu 13C(c) iridu jiġu rrikonċiljati mal-ammonti tal-entrati ta' partita individwali ppreżentati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja. Pereżempju, jekk entità tiddekrivi li

l-aggregazzjoni jew id-diżaggregazzjoni ta' ammonti tal-entrati ta' partita individwali tar-rapporti finanzjarji tipprovdi aktar informazzjoni relevanti, din għandha tirikoncilja l-ammonti aggregati jew diżaggregati divulgati skont il-paragrafu 13C(c) mal-ammonti tal-entrati ta' partita individwali ppreżentati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja.

*Divulgazzjoni tal-ammonti soġġetti għal arranġament ta' kumpens prinċipali infurzabbli jew ftehim simili li ma humiex altrimenti inklużi fil-paragrafu 13C(b) (il-paragrafu 13C(d))*

- B47 Il-paragrafu 13C(d) jeħtieġ li l-entitajiet jiddivulgaw l-ammonti li jkunu soġġetti għal arranġament ta' kumpens prinċipali infurzabbli jew ftehim simili li ma humiex altrimenti inklużi fil-paragrafu 13C(b). Il-paragrafu 13C(d)(i) jirreferi għall-ammonti relatati mal-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti li ma jissodisfawx il-kriterji ta' tpaċija kollha jew uħud minnhom skont il-paragrafu 42 tal-IAS 32 (pereżempju, jeddijiet kurrenti ta' tpaċija li ma jissodisfawx il-kriterju fil-paragrafu 42(b) tal-IAS 32, jew jeddijiet kondizzjonali ta' tpaċija li jkunu infurzabbli u eżerċitabbli biss fil-każ ta' inadempjenza, jew fil-każ biss ta' insolvenza jew falliment ta' kwalunkwe kontraparti).

- B48 Il-paragrafu 13C(d)(ii) jirreferi għall-ammonti relatati ma' kollateral finanzjarju, inkluż kollateral fi flus, kemm irċevuti kif ukoll mirhuna. Entità għandha tiddivulga l-valur ġust ta' dawk l-istrumenti finanzjarji li jkunu ntrahnu jew irċevuti bħala kollateral. L-ammont divulgat skont il-paragrafu 13C(d)(ii) għandu jikkonċerna l-kollateral reali rċevut jew mirhun u l-ebda pagabbli jew riċevibbli riżultanti rikonoxxut li jirritorna jew jirċievi lura tali kollateral.

*Limiti għall-ammonti divulgati fil-paragrafu 13C(d) (il-paragrafu 13D)*

- B49 Meta tiddivulga l-ammonti skont il-paragrafu 13C(d), entità trid tqis l-effetti fuq is-sovrakollateralizzazzjoni mill-istrument finanzjarju. Biex tagħmel dan, l-entità trid l-ewwel tnaqqas l-ammonti divulgati skont il-paragrafu 13C(d)(i) mill-ammont divulgat skont il-paragrafu 13C(c). L-entità għandha imbagħad tillimita l-ammonti divulgati skont il-paragrafu 13C(d)(ii) għall-bqija tal-ammont fil-paragrafu 13C(c) għall-istrument finanzjarju relatat. Madankollu, jekk il-jeddijiet ta' kollateral ikunu jistgħu jiġu infurzati fl-istrumenti finanzjarji kollha, tali jeddijiet jistgħu jiġu inklużi fid-divulgazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 13D.

*Deskrizzjoni tal-jeddijiet ta' tpaċija soġġetti għal arranġamenti ta' kumpens prinċipali infurzabbli u ftehimiet simili (il-paragrafu 13E)*

- B50 Entità għandha tiddeskrivi t-tipi ta' jeddijiet ta' tpaċija u arranġamenti simili ddivulgati skont il-paragrafu 13C(d), inkluż in-natura ta' dawk il-jeddijiet. Pereżempju, entità għandha tiddeskrivi l-jeddijiet kondizzjonali tagħha. Għall-istrumenti soġġetti għal jeddijiet ta' tpaċija li ma jkunux kontinġenti fuq avveniment futur imma li ma jkunux jissodisfaw il-kriterji li jifdal fil-paragrafu 42 tal-IAS 32, l-entità għandha tiddeskrivi r-raġuni(jiet) għaliex il-kriterji ma ġew issodisfati. Għal kwalunkwe kollateral finanzjarju rċevut jew mirhun, l-entità għandha tiddeskrivi t-termini tal-ftehim ta' kollateral (pereżempju, meta l-kollateral ikun ristrett).

*Divulgazzjoni skont it-tip ta' strument finanzjarju jew skont il-kontraparti*

- B51 Id-divulgazzjonijiet kwantitattivi meħtieġa skont il-paragrafu 13C(a)-(e) jistgħu jiġu ggruppjati skont it-tip ta' strument finanzjarju jew it-tranżazzjoni (pereżempju, derivattivi, ftehimiet ta' riakkwist u ftehimiet inversi ta' riakkwist jew ftehimiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli).
- B52 Alternattivament, entità tista' tiġbor flimkien id-divulgazzjonijiet kwantitattivi meħtieġa skont il-paragrafu 13C(a)-(c) skont it-tip ta' strument finanzjarju, u d-divulgazzjonijiet kwantitattivi meħtieġa mill-paragrafu 13C(c)-(e) skont il-kontraparti. Jekk tipprovdi l-informazzjoni rikjesta skont il-kontraparti, l-entità ma tkunx meħtieġa tidentifika l-kontrapartijiet bl-isem. Madankollu, id-denominazzjoni tal-kontrapartijiet (Kontraparti A, Kontraparti B, Kontraparti C, eċċ) għandha tibqa' konsistenti minn sena għall-oħra għas-sinjura preżentati biex tinżamm il-komparabilità. Id-divulgazzjonijiet kwalitattivi għandhom jitqiesu sabiex tkun tista' tingħata aktar informazzjoni dwar it-tipi ta' kontrapartijiet. Meta d-divulgazzjoni tal-ammonti fil-paragrafu 13C(c)-(e) tkun ipprovduta minn kontraparti, l-ammonti li jkunu individwalment sinifikanti ftermini ta' ammonti totali tal-kontraparti, jiġu ddivulgati separatament u l-bqija tal-ammonti tal-kontraparti individwalment insinifikanti jiġu aggregati fentrata ta' partita waħda.

*Affarijiet oħra*

- B53 Id-divulgazzjonijiet speċifiċi meħtieġa mill-paragrafi 13C-13E huma rekwiżiti minimi. Biex jinltaħaq l-oġġettiv fil-paragrafu 13B entità tista' tkun meħtieġa tissupplimentahom b'divulgazzjonijiet (kwalitattivi) addizzjonali, skont il-patti tal-arranġamenti ta' kumpens prinċipali infurzabbli u ftehimiet relatati, inkluż in-natura tal-jeddijiet ta' tpaċija, u l-effetti jew l-effetti potenzjali tagħhom fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-entità.

## Appendiċi

**Emenda għal IAS 32 Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni**

Il-paragrafu 43 emendat.

- 43 Dan l-Istandard jeħtieġ il-preżentazzjoni ta' assi finanzjarji u obligazzjonijiet finanzjarji fuq bażi netta, li meta dan iseħħ jirrifletti l-flussi futuri tal-flus mistennija ta' entità mis-saldu ta' żewġ strumenti finanzjarji separati jew aktar. Meta entità għandha d-dritt li tirċievi jew tħallas ammont wieħed b'mod nett u qed taħseb li tagħmel dan, għandha fil-fatt biss assi finanzjarju wieħed jew obligazzjoni finanzjarja waħda. F'ċirkostanzi oħra, assi finanzjarji u obligazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati separatament minn xulxin, b'mod konsistenti mal-karatteristiċi tagħhom bħala riżorsi jew obligi tal-entità. Entità għandha tiddivulga l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafi 13B-13E tal-IFRS 7 għall-istrumenti finanzjarji rikonoxxuti li jkunu fl-ambitu tal-paragrafu 13A tal-IFRS 7.

**Tpaċija tal-Assi Finanzjarji u tal-Obligazzjonijiet Finanzjarji****Emendi għal IAS 32 Strumenti Finanzjarji: Preżentazzjoni**

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

Jiddaħħal il-paragrafu 97L.

- 97L *Tpaċija ta' Assi Finanzjarji u Obligazzjonijiet Finanzjarji* (Emendi għall-IAS 32), maħruġ f'Diċembru 2011, ħassar il-paragrafu AG38 u żied il-paragrafi AG38A-AG38F. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għal perijodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2014 jew wara. Kull entità għandha tapplika dawk l-emendi retrospettivament. Hija permessa applikazzjoni qabel. Jekk tapplika dawk l-emendi għal data qabel, entità għandha tiddivulga dak il-fatt u tagħmel ukoll id-divulgazzjonijiet meħtieġa skont *Divulgazzjonijiet-Tpaċija ta' Assi Finanzjarji u Obligazzjonijiet Finanzjarji* (Emendi għall-IFRS 7), maħruġ f'Diċembru 2011.

**Gwida ta' applikazzjoni**

Immedjatament wara l-intestatura "Tpaċija ta' assi finanzjarju u obligazzjoni finanzjarja (il-paragrafi 42-50)", jitħassar il-paragrafu AG38. Jiddaħħlu l-intestaturi u l-paragrafi AG38A-AG38F.

**Kriterju li entità 'bħalissa għandha jedd legali infurzabbli li tpaċi l-ammonti rikonoxxuti' (il-paragrafu 42(a))**

AG38A Jedd ta' tpaċija jista' jkun disponibbli bħalissa jew jista' jkun kontinġenti fuq avveniment futur (pereżempju, il-jedd jista' jixkatta jew ikun eżerċitabbli biss fl-okkorrenza ta' xi avveniment futur, bħall-inadempjenza, insolvenza jew falliment ta' waħda mill-kontropartijiet). Anki jekk jedd ta' tpaċija ma jkunx kontinġenti fuq avveniment futur, jista' jkun legalment infurzabbli biss matul il-perkors normali tal-operat, jew fil-każ ta' inadempjenza jew falliment ta' waħda mill-kontropartijiet jew tagħhom kollha).

AG38B Biex tissodisfa l-kriterju fil-paragrafu 42(a), entità trid f'dak il-waqt ikollha jedd legali infurzabbli ta' tpaċija. Dan ifisser il-jedd ta' tpaċija:

- (a) ma jridx ikun kontinġenti fuq avveniment futur; u
  - (b) irid ikun legalment infurzabbli fiċ-ċirkostanzi kollha li ġejjin:
    - (i) il-perkors normal tal-operat;
    - (ii) l-avveniment ta' inadempjenza; u
    - (iii) l-avveniment ta' insolvenza jew falliment
- tal-entità u l-kontropartijiet kollha.

AG38C In-natura u l-estent tal-jedd ta' tpaċija, jinkludi kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-eżerċizzju tiegħu u jekk jibqax fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza jew falliment, jistgħu jvarjaw minn ġuriżdizzjoni għal oħra. Konsegwentement, ma jistax jiġi assunt li l-jedd ta' tpaċija huwa disponibbli awtomatikament barra l-perkors normali tal-operat. Pereżempju, il-liġijiet dwar il-falliment jew l-insolvenza ta' ġuriżdizzjoni jistgħu jipprojbixxu, jew jirrestrinġu, il-jedd ta' tpaċija fil-każ ta' falliment jew insolvenza f'ċerti ċirkostanzi.

AG38D Il-liġijiet applikabbli għar-relazzjonijiet bejn il-partijiet (pereżempju, id-dispożizzjonijiet kuntrattwali, il-liġijiet li jirregolaw il-kuntratti, jew il-liġijiet dwar l-inadempjenzi, l-insolvenza jew falliment applikabbli għall-partijiet) jeħtieġ li jitqiesu biex jiġi aċċertat jekk il-jedd ta' tpaċija jkunx infurzabbli fil-perkors normali tal-operat, fil-każ ta' inadempjenza, u fil-każ ta' insolvenza jew falliment, ta' entità u l-kontrapartijiet kollha (kif speċifikat fil-paragrafu AG38B(b)).

**Kriterji li entità "fi ħsiebha jew li ssalda fuq bażi netta, jew li tirrealizza l-assi u ssalda l-obbligazzjoni simultanjamant" (il-paragrafu 42(b))**

AG38E Biex tissodisfal-kriterju fil-paragrafu 42(b) entità jrid ikun fi ħsiebha jew li ssalda fuq bażi netta, jew li tirrealizza l-assi u ssalda l-obbligazzjoni simultanjamant. Minkejja li jista' jkollha dritt li ssalda nettement, l-entità tista' xorta waħda tirrealizza l-assi u ssalda l-obbligazzjoni separatament.

AG38F Jekk tkun tista' ssalda l-ammonti b'mod li bih l-eżitu jkun fil-fatt ekwivalenti għal saldu nett, l-entità tissodisfa l-kriterju tas-saldu nett fil-paragrafu 42(b). Dan iseħħ jekk, u jekk biss, il-mekkaniżmu tas-saldu gross ikollu karatteristiċi li jeliminaw jew jirriżultaw f'riskji insinifikanti ta' kreditu u likwidità, u li jkun jipproċessa r-riċevibbli u l-pagabbli fi proċess jew ċiklu wieħed tas-saldu. Pereżempju, sistema ta' saldu gross li jkollha l-karatteristiċi kollha li ġejjin tkun tissodisfa l-kriterju tas-saldu nett fil-paragrafu 42(b):

- (a) l-assi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet finanzjarji eliġibbli għat-tpaċija jkunu sottomessi fl-istess waqt għall-ipproċessar;
  - (b) ladarba l-assi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet finanzjarji jkunu sottomessi għall-ipproċessar, il-partijiet ikunu impenjati li jissodisfaw l-obbligu għas-saldu;
  - (c) il-flussi ta' flus li joriġinaw mill-assi u l-obbligazzjonijiet ma jkollhomx il-potenzjal li jinbidlu ladarba jkunu sottomessi għall-ipproċessar (sakemm il-proċess ma jfallix-ara (d) hawn taħt);
  - (d) l-assi u l-obbligazzjonijiet li jkunu kollateralizzati mat-titoli jiġu ssaldati fuq sistema ta' trasferiment ta' titoli jew sistema simili (pereżempju, konsenja kontra pagament), sabiex jekk it-trasferiment ta' titoli jfalli, l-ipproċessar tar-riċevibbli jew pagabbli relatati li għalihom it-titoli jkunu kollateralizzati jfallu wkoll (u *vice versa*);
  - (e) kwalunkwe tranżazzjoni li tfalli, kif imfisser f'(d), tiddaħħal mill-ġdid għall-ipproċessar sakemm tiġi ssaldata;
  - (f) is-saldu jitwettaq permezz tal-istess istituzzjoni tas-saldu (pereżempju, bank tas-saldu, bank ċentrali jew depożitorju ċentrali tat-titoli); u
  - (g) tkun fis-seħħ faċilità ta' kreditu għal ġurnata li ttiprovdi ammonti suffiċjenti ta' sovrapprelewant li jippermetti l-ipproċessar tal-pagamenti fid-data tas-saldu għal kull parti, u jkun virtwalment ċert li l-faċilità ta' kreditu għal ġurnata tiġi onorata jekk tiġi eżerċitata.
-